

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2014/82/UE

tal-24 ta' Ġunju 2014

li temenda d-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġharfien professjonali ġenerali u r-rekwiżiti mediċi u dawk għal-liċenzji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness II tad-Direttiva 2007/59/KE jinkludi dispożizzjoni li tindika li mhix meħtieġa vista effikaċi għaż-żewġ għajnejn kemm-il darba s-sewwieq ikollu adattament adegwat u esperjenza ta' kumpens suffiċjenti, però dan jgħodd biss jekk is-sewwieq ikun tilef il-vista binokulari wara li jkun beda l-impjeg. Dik id-dispożizzjoni tikkontradixxi r-rekwiżiti l-oħra dwar il-viżjoni tal-Anness II tad-Direttiva 2007/59/KE u tista' toħloq riskju għal-livell għoli tas-sikurezza f'operazzjonijiet ferrovjarji.
- (2) Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti fl-Annessi IV u VI tad-Direttiva 2007/59/KE dwar il-liċenzji u ċ-ċertifikati mhumiex ċari biżżejjed, u dan iwassal biex jiġu applikati b'mod differenti fl-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar jipperikolaw l-introduzzjoni ta' sistema ta' liċenzji armonizzata għas-sewwieqa tal-ferroviji fl-Unjoni.
- (3) Fis-7 ta' Mejju 2012, l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea tat parir lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-emenda tal-Annessi II, IV u VI tad-Direttiva 2007/59/KE. Il-korpi rrappreżentati fil-Kumitat ta' Djalogu Soċjali ġew ikkonsultati skont l-Artikolu 31 ta' dik id-Direttiva.
- (4) Għandhom jiġu pprovduti miżuri ta' tranżizzjoni għas-sewwieqa tal-ferroviji li kisbu jew se jiksbu l-liċenzja tagħhom skont id-Direttiva 2007/59/KE qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (5) Id-Direttiva 2007/59/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat li jgħin lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2007/59/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2007/59/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

F'punt "1.2. Vista", is-seba' inċiż jinbidel b'dan li ġej:

“— vista għaż-żewġ għajnejn: effettiva,”

- (2) L-Anness IV jinbidel bit-test fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

- (3) L-Anness VI huwa emendat kif stipulat fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠUL 315, 3.12.2007, p. 51.

Artikolu 2

Is-sewwieqa tal-ferroviji li kisbu jew se jiksbu l-liċenzja tagħhom skont id- Direttiva 2007/59/KE qabel id-data ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva għandhom jitqiesu li qed jikkonformaw mar-rekwiżiti tagħha.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

3. L-obbligi għat-traspożizzjoni u l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għar-Repubblika ta' Ċipru u għar-Repubblika ta' Malta sakemm ma tiġix stabbilita sistema ferrovjarja fit-territorji tagħhom.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

"ANNEX IV

GĦARFIEN PROFESSIONALI ĠENERALI U REKWIŻITI DWAR IL-LIĊENZJA

L-objettiv tat-'taħriġ ġenerali' huwa li jipprovdi kompetenza 'ġenerali' dwar l-aspetti kollha li huma relevanti għall-professjoni tas-sewwieq tal-ferrovija. It-taħriġ ġenerali f'dan ir-rigward se jiffoka fuq l-għarfien bażiku u l-prinċipji li huma applikabbli indipendentement mit-tip u n-natura tal-vetturi ferrovjarji jew tal-infrastruttura. Dan jista' jiġi organizzat mingħajr eżerċizzji prattiċi.

Il-kompetenza fir-rigward tat-tipi speċifiċi ta' vetturi ferrovjarji jew fir-rigward tar-regoli u t-tekniki dwar is-sikurezza u t-tħaddim għal infrastruttura partikolari, ma tagħmilx parti mill-kompetenza 'ġenerali'. It-taħriġ li jwassal għal kompetenza dwar il-vetturi ferrovjarji jew dwar l-infrastruttura jirrigwarda ċ-ċertifikat tas-sewwieq tal-ferrovija u huwa speċifikat fl-Annessi V u VI.

It-taħriġ ġenerali jkopri s-suġġetti (1) sa (7) elenkati hawn taħt. L-ordni li fih ikunu elenkati mhuwiex ordni ta' prijorità.

Il-verbi użati fil-lista jindikaw it-tip ta' kompetenza li l-apprentist huwa mistenni jkseb. It-tifsira tagħhom hija deskritta fit-tabella li ġejja:

| It-tip ta' kompetenza | Deskrizzjoni |
|-----------------------------|---|
| li jkun jaf, li jiddeskrivi | jiddeskrivi l-akkwiżizzjoni tal-għarfien (dejta, fatti) li huwa meħtieġ biex wieħed jifhem ir-relazzjonijiet |
| li jifhem, li jidentifika | jiddeskrivi l-identifikazzjoni u l-memorizzazzjoni ta' kuntest, twettiq ta' komputu u soluzzjoni tal-problemi f'qafas definit |

- (1) Ix-xogħol ta' sewwieq, l-ambjent tax-xogħol, ir-rwol u r-responsabbiltà tas-sewwieq fil-proċess tat-tħaddim tal-ferroviji, l-esiġenzi professjonali u personali tar-responsabbiltajiet tas-sewwieq
 - (a) li jkun jaf l-impetu ġenerali tal-leġiżlazzjoni u tar-regoli applikabbli għat-tħaddim tal-ferroviji u għas-sikurezza (ir-rekwiżiti u l-proċeduri rigward iċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji, oġġetti perikolużi, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni kontra n-nar, eċċ.),
 - (b) li jifhem ir-rekwiżiti speċifiċi u l-esiġenzi professjonali u personali (b'mod ġenerali huwa xogħol ta' wieħed waħdu, xogħol bix-xift fuq ċiklu ta' 24 siegħa, protezzjoni individwali u sikurezza, qari u aġġornament ta' dokumenti, eċċ.),
 - (c) li jifhem imġiba li hija kompatibbli ma' responsabbiltajiet essenzjali għas-sikurezza (medikazzjoni, alkoħol, drogi u sustanzi psikoattivi oħra, mard, stress, għeja, eċċ.),
 - (d) li jidentifika d-dokumenti ta' referenza u dwar l-operat (pereżempju, ġabra tar-regoli, ktieb dwar ir-rotta, manwal tas-sewwieq, eċċ.),
 - (e) li jidentifika r-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tal-persuni involuti,
 - (f) li jifhem l-importanza li jkun preċiż fit-twettiq ta' dmirijietu u fil-metodi tax-xogħol,
 - (g) li jifhem x'inhi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (eż. il-kodiċi ta' mġiba fuq il-linji ferrovjarji u qribhom, il-kodiċi ta' mġiba biex wieħed imur fuq l-unità lokomotiva u jinżel minnha b'mod sikur, l-ergonomija, ir-regoli dwar is-sikurezza tal-personal, it-tagħmir ta' protezzjoni personali, eċċ.),
 - (h) li jkun jaf il-ħiliet u l-prinċipji tal-imġiba (l-immaniġġar tal-istress, sitwazzjonijiet estremi, eċċ.),
 - (i) li jkun jaf il-prinċipji tal-ħarsien tal-ambjent (sewqan sostenibbli, eċċ.).
- (2) Teknoloġiji ferrovjarji, li jinkludu l-prinċipji ta' sikurezza li fuqhom huma bbażati r-regolamenti operattivi
 - (a) li jkun jaf il-prinċipji, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-sikurezza fit-tħaddim tal-ferroviji,
 - (b) li jidentifika r-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tal-persuni involuti.
- (3) Il-prinċipji bażiċi tal-infrastruttura ferrovjarja
 - (a) li jkun jaf il-prinċipji u l-parametri sistematiki u strutturali,
 - (b) li jkun jaf il-karatteristiċi ġenerali ta' linji ferrovjarji, stazzjonijiet, ċentri fejn jinġemgħu l-ferroviji (marshalling yards),
 - (c) li jkun jifhem fl-istrutturi ferrovjarji (pontijiet, mini, punti, eċċ.),

- (d) li jkun jifhem fil-modalitajiet operattivi (linja ferrovjarja wahdaniya, tħaddim ta' linja ferrovjarja doppja, eċċ.),
 - (e) li jkun jifhem fis-sistemi ta' sinjalazzjoni u ta' kontroll tal-ferrovija,
 - (f) li jkun jifhem fi stallazzjonijiet għas-sikurezza (lokalizzatur tat-tisħin fil-kaxxa tal-fus, detetturi tad-duħħan f'mini, eċċ.),
 - (g) li jkun jifhem fil-provvista tal-enerġija tat-trazzjoni (il-katenarju, it-tielet linja ferrovjarja, eċċ.).
- (4) Il-prinċipji bażiċi tal-komunikazzjoni dwar l-operat
- (a) li jkun jaf kemm hi sinifikanti l-komunikazzjoni u jkun jaf il-mezzi u l-proċeduri għall-komunikazzjoni,
 - (b) li jidentifika l-persuni li s-sewwieq għandu b'żonn jikkuntattja u r-rwol u r-responsabbiltà tagħhom (il-persunal tal-manijer tal-infrastruttura, ir-responsabbiltajiet ta' xogħol ta' persunal ferrovjarju ieħor, eċċ.),
 - (c) li jidentifika sitwazzjonijiet/kawżi li jeħtieġu li tinbeda komunikazzjoni,
 - (d) li jifhem il-metodi ta' komunikazzjoni.
- (5) Il-ferroviji, kif inhuma magħmulin u r-rekwiżiti tekniċi għall-unitajiet lokomotivi, il-vaguni, il-kowċis u vetturi ferrovjarji oħrajn
- (a) li jkun jaf tipi ġeneriċi ta' trazzjoni (bl-elettriku, bid-diżil, bil-fwar, eċċ.),
 - (b) li jiddeskrivi kif inhi mqassma vettura (il-bogies, il-bòdi, il-kabina tas-sewqan, is-sistemi ta' ħarsien, eċċ.),
 - (c) li jkun jaf il-kontenut u s-sistemi tal-ittikkettar,
 - (d) li jkun jaf id-dokumentazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-ferrovija,
 - (e) li jifhem fis-sistemi tal-ibbrejtkjar u fil-kalkolu tal-prestazzjoni,
 - (f) li jidentifika l-veloċità tal-ferroviji,
 - (g) li jidentifika t-tagħbija massima u l-forzi tal-apparat tal-irbit,
 - (h) li jifhem fit-tħaddim u fl-iskop tas-sistema tal-immaniġġar tal-ferroviji.
- (6) Il-perikli involuti fit-tħaddim tal-ferroviji in ġenerali
- (a) li jifhem il-prinċipji li jirregolaw is-sikurezza tat-traffiku,
 - (b) li jkun jaf ir-riskji marbuta mat-tħaddim tal-ferroviji u l-modi varji li għandhom jintużaw għall-mitigazzjoni tagħhom,
 - (c) li jkun jaf b'inċidenti rilevanti għas-sikurezza u jifhem l-imġiba/reazzjoni meħtieġa,
 - (d) li jkun jaf liema huma l-proċeduri applikabbli f'każ ta' inċidenti li jinvolvu persuni (eż. evakwazzjoni).
- (7) Il-prinċipji bażiċi tal-fiżika
- (a) li jifhem il-forzi fis-sewqan,
 - (b) li jidentifika l-fatturi li jinfluwenzaw il-prestazzjoni tal-aċċellerazzjoni u tal-ibbrejtkjar (kundizzjonijiet tat-temp, tagħmir tal-brejkijiet, adeżjoni mnaqqa, xkatlar, eċċ.),
 - (c) li jifhem x'inhuma l-prinċipji tal-elettriku (ċirkwiti, kejl ta' vultaġġ, eċċ.)."
-

ANNEX II

Il-punt 8 tal-Anness VI għandu jinbidel b'dan li ġej:

“8. TESTIJET TAL-LINGWA

Is-sewwieqa li jridu jikkomunikaw mal-manijer tal-infrastruttura dwar kwistjonijiet essenzjali ta' sikurezza għandu jkollhom ħilet lingwistiċi fil-lingwa indikata mill-manijer tal-infrastruttura kkonċernat. Il-ħilet lingwistiċi tagħhom għandhom ikunu tali li jstgħu jikkomunikaw attivament u effettivament f'sitwazzjonijiet ta' rutina, avversi u ta' emerġenza.

Għandhom ikunu kapaċi jużaw il-messaġġi u l-metodu ta' komunikazzjoni speċifikat fl-Ispesifikazzjoni teknika ta' interoperabilità (TSI) 'L-operazzjonijiet u l-manijer tat-traffiku'. Is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jifhemu (kemm bis-smiegħ kif ukoll bil-qari) u jikkomunikaw (kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub) skont il-livell B1 tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Riferenza għal-Lingwi (QKER) kif stabbilit mill-Kunsill tal-Ewropa ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ *Common European Framework of Reference for Languages: Learning, Teaching, Assessment, 2001* (Cambridge University Press għall-verżjoni bl-Ingliż ISBN 0-521-00531-0). Disponibbli wkoll fuq il-websajt tas-Cedefop: <http://europass.cedefop.europa.eu/en/resources/european-language-levels-cefr>”
